3. Minbarra dan ir-rikorrenti tikkunsidra li l-miżuri inkwistjoni ma jistgħux joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u lanqas tal-kummerċ bejn Stati Membri.

4. Minbarra dan, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata twettaq żball manifest fl-evalwazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà tal-għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE: (i) l-ewwel nett, meta kkunsidrat il-prinċipju ta' newtralità teknoloġika bħala prinċipju assolut u, (ii) it-tieni nett, meta kkunsidrat li l-miżuri inkwistjoni jiksru n-newtralità teknoloġika minkejja l-konklużjonijiet kuntrarji li jinsabu fir-rapporti tekniċi pprovduti mill-gvern reġjonali, mill-awtoritajiet ċentrali Spanjoli u minn operatur privat; (iii) it-tielet nett, meta kkonkludiet li l-miżuri kkontestati ma kinux xierqa u proporzjonali, u (iv) ir-raba' nett, meta affermat li l-miżura toħolq distorsjonijiet inutli tal-kompetizzjoni.

5. Sussidjarjament, ir-rikorrenti targumenta li d-Deċiżjoni tikser ir-Regolament Nru 659/1999 meta twettaq żball fl-analiżi tal-għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b)(v).

---

## Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2015 – Abertis Telecom Terrestre vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-37/15)**

(2015/C 089/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Abertis Telecom Terrestre, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo, A. Balcells Cartagena u M. Bolsa Ferruz, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni sa fejn tiddikjara l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat bħala inkompatibbli mas-suq intern;

— konsegwentement, tannulla l-ordnijiet ta' rkupru kif stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma dawk invokati fil-Kawża T-36/15, HISPASAT vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2015 – Telecom Castilla-La Mancha vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-38/15)**

(2015/C 089/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Telecom Castilla-La Mancha, SA (Toledo, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo, A. Balcells Cartagena u M. Bolsa Ferruz, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea